Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 10**
**Il-Hamis 27 ta' Frar 2020**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier (ħareġ 18:15pm rega dahal 19:25)
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier (ħareġ 8:30pm)

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

10.1.01 Il-Kunsilliera kienu kollha preżenti.

**10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

10.2.01 Il-Minuti tas- Seduta L8-09 ittieħdu bħala moqrija u kien hemm korrezzjoni fil-minuti 09.4.03 u 9.5.12
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

10.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda żewġt korrispondenza u tgħat dettalji dwar il-programm għall-Festa San Guzepp 19 ta' Marzu b'tema 150 sena mill-proklamazzjoni bħala patrun tal-knisja universali.

10.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza u spjegat x'jista' jkun hemm bżonn biex il-kunsill jakkwista fond go Triq il-Kunċizzjoni.

10.3.03 B'referenza għal-minuti 9.5.11 is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza lil Guest House fuq ħruġ ta'skart barra il-ħinijiet normali u talba mill-stess Guest House biex ssir bankina quddiem il-bieb msemmi għax dan huwa service door li qed ikun ta' spiss ostakolat minN karozzi pparkjati fuq il-Keep Clear.
Is-Sur Maurice Agius qal li dan mhux vera jkun ostakolat u jekk ssir bankina jintilef aktar parkeġġ.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li go l-stess parti tat-triq eżatt faċċata ta'dan il-bieb kien hemm bollards u fuq rapport mill-kunsill ġew żarmati mill-pulizija b'talba minn T.M. għalhekk dawn ma jistgħux ssiru.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li jekk xi ħadd jipparkja fuq Keep Clear qed jagħmel ħażin u x haġa trid ssir.

10.3.04 B'Referenza għal- minuti 9.3.04 , is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill kunsilliera preżent li is-smiegħ fuq l'oġġezzjoni għal żvilupp PA/09347/19 li kellu ssir fl-20 ta' Frar ġie skedat għall ġurnata oħra f' Marzu.

10.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza u tat dettalji għal Seminar bit-tema on light pollution li se jsir fis-17 ta'Marzu.

10.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza u tat-dettalji għal taħriġ ta, First Aid organizzati mill- FSWS ġol binja tal-kunsill f'Ġunju.

10.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda żewġt korrispondenza u tat-dettalji għall kunsilliera interessati jipparteċipaw waqt żewġt Maratoni organizzati minn Hope Mission Fest u Fondazzjoni Nazzareth.

10.3.08 B'referenza għall-minuti 6.5.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja tad-disinn finali tat- tabelli edukattivi tal-iskart li jinkludi il-karattru ta'Misidu.

10.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda fuljett u għarrfet lil kunsilliera preżenti li residenti Indjani b'kollaborazzjoni mal-Kunsill ser jorganizzaw festival tal-kuluri go Misraħ San Guzepp.

10.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba minn team tal-cricket biex juża l-isem L-Imsida biex jirreġistra mal-Malta Cricket Association.

10.3.11 B’referenza għall- minuti 8.4.14 dwar residential parking Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda korrispondenza biex il-Kunsill, jingħata risposta jekk kienx hemm deċiżjoni definittiva li dawn ma għandhomx ikunu approvati aktar u għarrfet lill kunsilliera preżenti bir-risposta tal- ministru responsabbli li kienet tgħid li l-pożizzjoni tal-kabinett għada l-stess iżda l-suġġett għandu jkun diskuss mal-entitajiet konċernati fi-żmien qasir.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa, jekk il-kunsill hux se jieħu pożizzjoni.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li trid tistenna u tara x tkun id-deċiżjoni tal-kabinett.

**10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

10.4.01 B'referenza għall minuti 9.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalgħet li l-iskema Achievers laħqet għalqet.

10.4.02 B'referenza għal- minuta 9.3.01 is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalgħet li l-proġett ta' CSR Malta Association ġie aċċettat u li hemm bżonn jinstabu 4 zghazagh mill -lokalita’ biex jipparteċipaw ma' oħrajn minn barra il-pajjiż.

10.4.03 B'referenza għal-minuta 9.4.05 is-Sur Maurice Agius staqsa jekk din il-proposta tal-I.M. għall- traffic management ġdid fl-inħawi tal-iSkate Park għaddiex għaddejja.

Is-Segretarju wieġeb li ma sema xejn aktar.

10.4.04 B'referenza għall- minuti 9.4.08 is-Sur Charles Selvaggi staqsa għall-kopja tal-korrispondenza dwar applikazzjoni għall-Comunal Disable Parking ġo Misraħ il-Barrieri.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kull kunsillier sakemm ikun għall skop ta' xogħol tiegħu fil-kunsill jista' jitlob u jingħata aċċess għall-korrispondenza jew dokumenti iżda mhux ssir kopja .

10.4.05 B'referenza għall- minuti 9.4.09 is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm risposta minn TM għall-applikazzjoni biex timxi l-Pedestrian crossing.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din mhux approvata iżda sar suġġeriment biex ssiru barriers.

10.4.06 B'referenza għall-minuti 9.4.11 staqsa jekk il-Contracts Manager għamilx rapport ta'kull xahar dwar spezzjonijiet li jagħmel u ġibed l-attenzjoni dwar abbużi minn kuntratturi jew nies li jistgħu jkunu qed jaħdmu bla permess tal-kunsill fejn semma scaffolding li kien hemm go Misraħ il-Barrieri.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil kunsilliera preżenti bid-dettalji ta' kif l-ispezzjonijiet qed ikunu rappurtati kull jum u fil mument b'ritratti jew messaġġi permezz ta' gruppi Whatsup apposta skont is-suġġett bejn il-Contracts Manager , l-amministrazzjoni u il-kuntratturi tal-kunsill. Barra minn hekk jekk ikun hemm xi affarijiet minn dawk li suppost josserva li hemm xi haga mhux kif suppost, il-kunsill u l-kuntratturi qed ikun avżat u skont il-każ tittieħed l-azzjoni meħtieġa. Dwar il-permessi huwa veru li hawn minn jabbuża u tapplika l-stess proċedura kif jidħol rapport fejn dan jitwassal lil awtoritajiet konċernati. Hawn kompla jispjega li l-kunsill jagħmel ir-rapporti tiegħu fuq sistemi jew kuntatti provduti mill-awtoritajiet għall -pubbliku għalhekk kulħadd jista' jagħmel rapport .Għalkemm qed ssir kull sforz possibbli mill-amministrazzjoni tal-kunsill xorta jibqa' fatt li l-infurzar tal-liġi mhux ir-responsabiltà tal-amministrazzjoni tal-kunsill. Dwar l-scaffolding msemmi l-amministrazzjoni rappurtat bosta drabi inklużi l-ahhar ritratti meta hu mar personalment ftit ġimghat ilu.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet biex tiftaħ grupp Whatsup simili bejn il-kunsilliera biex ikunu jistgħu jikkomunikaw bl-istess mod.
Il-kunsilliera preżenti qablu.

10.4.07 B'referenza għal-minuti 9.4.12 is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm risposta fuq l-email li bagħat il-kunsill dwar l-iskema ta'restawr għall-Għajn tal-Ħasselin. Hawn kompliet tispjega li s-Segretarju bagħat email u talab għal spjegazzjoni aktar fid-dettal għalfejn l-Għajn tal-Ħasselin ma ntgħażilx.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma kienx hemm risposta jew spjega uffiċjali għalfejn l-Għajn tal-Ħasselin ma ntgħażilx iżda wara li ddiskuta is-suġġett mal-S.P.I għalkemm mhux uffiċjali jista' jkun propost li l-quddiem minflok ssiru applikazzjonijiet kull sena dawk l-applikazzjonijiet li jikkwalifikaw għal-skema jintgħażlu biex jibbenefikaw sa perjodu ta' tlett snin.

10.4.08 B'referenza għall-minuti 9.5.08 is-Sur Maurice Agius staqsa dwar tħawwil ta' siġar u pjanti li waslu minn għand MESDC.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn lesti.

10.4.09 B'referenza għall-minuti 9.5.09 is-Sur Maurice Agius staqsa dwar tħawwil propost pjanti indiġeni minflok siġar u pjanti ta'natura invażiva go Msida Circus.
Is-Sur Alfred Farrugia wieġeb li dawn se ssiru iżda ċertu speċi ta'siġar għal issa mhux se jinqala u għad trid tkun magħrufa d-data meta din l-attività se ssir.

10.4.10 B'referenza għal-minuti 9.12.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li għad trid tkellem lid-dipartiment responsabbli mill-anzjani li huma operaturi ta' servizzi Tuk Tuk biex jestendu is-servizz ta' trasport għal-klinika F' Tal-Pietà.

10.4.11 B'referenza għal- minuti 9.12.16 Is-Sur Nicholas Joseph Chircop staqsa biex jikkonferma min se jħallas jekk ssiru attivitajiet għal-klassijiet taz-Zumba li jiġu jiswew 22 euro kull sessjoni.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li l-kunsill se jkun qed jagħmel din l-attività għar-residenti u ikopri l-ispiża.

10.4.12 B'referenza għall-minuti 9.12.14 Is-Sinjura Judy Sciberras preżenti għarrfet lil kunsilliera preżenti li saret l-ewwel conversation class għal-persuni li qed jattendu klassi tal-ħjata organizzata mill-LEAP u ntlaqat tajjeb.

10.4.13 Is-Sur Maurice Agius staqsa x'hemm bżonn biex ikun hemm approvazzjoni ta' loading / Unloading bays għax hemm min għandu wieħed meta ma hemmx numru ta' ħwienet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-kriterji standard li jistabbilixxu loading /Unloading bays jiddependi minn tip ta'kummerċ jew użu komuni bejn 6 u aktar ħwienet fil -viċinanzi u dawn ikunu bil-kundizzjonijiet kif tistabbilixxi T.M. Iżda ma jafx iwieġeb għall liema raġunijiet oħra jew f'liema ċirkostanzi differenti dawn jistgħu jiġu approvati għax hija biss T.M l-awtorità li tiddeċiedi.

10.4.14 Is-Sur Jean Claude Borg staqsa jekk sarx kuntatt ma' min jieħu ħsieb it-tabelli tal-Merħba.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadu qed jipprova jkellmu anke fuq affarijiet oħra amministrattivi iżda sal-ġurnata ma għamilx kuntatt
Is-Sur Emanuel Brincat talab biex tkun wkoll rapportata għat-tiswija it-tabella ta'Triq Dun Karm

10.4.15 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li bħala parti mill programm ta'ħidma għall attivitajiet sportivi fid 29 ta'Frar saret il-kompetizzjoni ta-snooker fejn l-spiża tammonta għall 120 euro.

**10.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

10.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda id-draft finali għall Bye Law Xorb alkoħoliku bil-lingwa Maltija u Ingliż.
Is-Segretarju Spjega li wara saru diskussjonijiet matul il-leġislatura preċedenti u anke preżenti skont artiklu 34 tal-Att ,l-avukat tal-kunsill lesta il-verżjoni Maltija ta'draft għal- Bye Law " Xorb f'kontenituri tal-ħġieġ u konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi " sabiex iħares u jnaqqas inkonvenjenzi fil-lokalita. Il-verżjoni bl-Ingliż kienet ġiet preżentat u approvata waqt is-seduta L8-6 tal-14 ta'Ottubru 2019 (minuti 06.5.10). Dawn ġew wkoll diskussi mas-Suprintendent tal-pulizija li għamel ir-rimarki tiegħu li se jagħmel nota lill avukat biex jiċċekkja fuqhom. Jekk dawn ikunu approvati mill-Kunsill Lokali L-Imsida il-proposta tal-Bye law tiġi mgħoddija lid-direttur għall-Gvern Lokali skont artiklu 35.2 tal- Att. Dawn wara jiġu mgħoddija lil Ministru għal-proposti jew approvazzjoni tiegħu. Jekk dawn ikunu approvati l-Kunsill jkun jista' imexxi biex il-Bye Law tidhol fil-leġislatura u tirrevoka L.S 363.172 "Xorb f'kontenituri tal-ħġieġ f'postijiet pubbliċi".

10.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il- laqgħa li saret bejn membri tal-Kunsill u l-Għaqda tad-dgħajjes fejn jidher li telgħu xi dgħajjes mhux skont kif titlob il-bye law u inħolqu xi problemi .

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kiteb lis-sidien ta'dawn id-dgħajjes u talb biex dawn jinżlu minn hemm mill-aktar fis possibli, filwaqt li ddiskuta il-(Bye Law tal-Iskal ) eżistenti mall-avukat u jidher li hemm affarijiet mhux ċari li jistgħu joħolqu problemi ta' amministrazzjoni. Is-segretarju kompla jispjega li l-kunsill biss jista' jieħu deċiżjonijiet u wara dak li gara , il-kunsill għandu jikkunsidra biex jibda ir-rappreżentanti tiegħu jagħmlu konsultazzjoni mal-għaqda , TM (Martime) u l-entitajiet li jista' għandhom interess biex ssiru l-emendi neċessarji.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament biex l-avukat jibda jagħmel bażi għal-proposti ta' emendi u tibda il-konsultazzjoni ma' dawk kollha konċernati.

10.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda żewġt stimi biex tiġi nstallat sistema għal- fire alarm fil-binja tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kif ir-regolamenti jesiġu li f'binja pubbliċi jittieħdu dawk il-prekawzjonijiet kollha neċessarji għas-saħħa u sigurtà tal -pubbliku filwaqt li dawn il-miżuri ta'sigurtà huma ġa approvati fl-estimi finanzjarji għas-sena kurrenti. Hawn kompla jispjega li bagħat għall stimi mingħand erba' kumpaniji fejn waħda wieġbet li mhux interessati filwaqt li kumpanija oħra interessata għamlet kuntatt iżda ma ppreżentatx stima sa żmien mitlub. Għalhekk kienu biss żewġt kumpaniji li preżentaw l-stima tagħhom għall (1) 2698.10 euro , jew (2) 2695.12 euro V.A.T inkluż , biex jagħmlu ix-xogħol meħtieġ fejn l-ammont bejniethom juri differenza minima ta' ftit euro biss. Hawn kompla jispjega li meta tħares lejhom sew fid-dettal għalkemm l-standard huwa simili jidher li hemm differenza fil kwantità u prezz offrut għalhekk skont il-parir u rakkomandazzjoni tal-konsulent tal-kunsill l-offerta ta' stima numru (2) tidher aktar waħda vantaġġuża.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li meta jkun hemm stimi bħal dawn trid tara ċertu dettalji għax ikun fihom nasba filwaqt li meta tqabbel dawn iż-żewġt stimi jidher li hemm differenza fil kwantità u prezz offrut u jixtieq ikollu ċans jerġa jarahom mas-Segretarju Eżekuttiv u jekk ikun ikkonfermat li (2) hija l-aktar vantaġġuża il-kunsill imexxi biha.

Il-Kunsillier preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

10.5.04 B'referenza għal-minuti 7.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li kien beda ix-xogħol biex jinbidlu il-fanali ta' Triq Oscar Zammit iżda inkixfet problema li se jispjega is-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara li beda ix-xogħol li jinkludi wkoll li tinbidel is-sistema ta'dawl difettuża ma' waħda ġdida. Iżda il-cable l-antik li ġie mqiegħed go trinka huwa maqbud u ma jistax jinġibed fejn jindika li huwa mingħajr sleeves. Dan ifisser li rrid ssir xogħol ta'trinka u tinkludi sistema biex jingħadda il-cable minn go fiha u tippermetti għall-manutenzjoni jekk din tkun meħtieġa. Wara li ddiskuta mal-kuntrattur ta'dawl li ma jagħmilx dan it-tip ta'xogħol. Minħabba li fil-mument ma hemmx kuntratt għall dan ix-xogħol u fejn l-aġġudikazzjoni għall -offerta ta'tender għall dan it-tip ta'xogħol huwa ffriżat, talab ghall stimi minn kuntratturi oħra u sal-ġurnata ġiet waħda biss għall ammont ta' 6036 euro mingħajr V.A.T.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk hux possibbli jintalbu aktar stimi

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li jekk jiġu stimi orħos ikun tajjeb biss hemm urġenza għax minħabba ix-xogħol li beda kien inqatta l-elettriku u fil-mument ma hemmx dawl.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u jekk ikun hemm se jinkludi stimi oħra jekk ikun hemm, l' importanti ma jkunx hemm dewmien minħabba tul ta'żmien għall -permess.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li jintalbu stimi sa ftit ġranet oħra u minħabba l-urġenza jekk ikun hemm l-orħos offerta vantaġġuża skont dak li hemm bżonn ssir din tingħażel biex jitkompla ix-xogħol.

10.5.05 B'Referenza għal-minuti 7.5.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda proposta ta'disinn u stima biex jinbidlu l-erbgħa fanali solari li mhux effettivi ġo Misraħ San Ġużepp ma' fanali oħra b' dawl normali u addattat biex jixgħel il-Pjazza. Hawn spjegat li dawn il-fanali jiswew 4813 euro l-wieħed inkluż il-V.A.T u mingħajr ix-xogħol meħtieġ biex jitpoġġew u ssir sistema għad dawl.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk dan l-ammont jitlobx stima jew tender.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ammont jitlob tender għax jaqbeż l-10,000 euro u jekk il-kunsill jiddeċiedi li jmexxi għax ġa hemm provdut fl-estimi finanzjarji għal dawl ġdid. Filwaqt li ġa tkellem ma' inġinier tad-dawl minħabba kompetenza teknika biex jekk jkun deċiż li ssir tender , jagħmel is-survey meħtieġ tal-pjazza u joħroġ speċifikazzjonijiet tekniċi addattati. Hawn kompla jispjega li ix-xewqa tal-kunsill hija li dan ix-xogħol ssir qabel is-sajf iżda dan ma jistax ikun hekk minħabba iż-żmien bejn preparazzjoni ta'tender, proċeduri, konferma tal-aġġudikazzjoni jieħdu mill inqas sitt xhur.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li jibda il-proċess għat-tender filwaqt li l-kuntrattur tad-dawl għandu jintalab biex jaħseb għall sistema temporanja ta'dawl bħal- flood lights go Misraħ San Guzepp.

10.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il- laqgħa li saret bejn membri tal-Kunsill u l-Għaqda għall- armar tal-Festa San Guzepp fejn ġiet diskuss il-possibilità ta' proġett konġunt għall-monument li jfakkar il 150 anniversarju bħala patrun tal-knisja universali fejn l-għaqda tieħu ħsieb il-finanzjament tal-permessi u l-statwa rappreżentattiva tal-patrun tal-lokalita , filwaqt li l-kunsill bħal amministratur tal-lokalita u l-art jipproponi is-sit u jieħu ħsieb il-pedestall li jirrappreżenta l'awtorità tal-Kunsill lokali L-Imsida u maħsub li jiġi jiswa 6600 euro mingħajr V.A.T.

Il-Kunsillier Jean Claude Borg qal li għalkemm jaqbel mal-proġett huwa jħoss li l-kunsill għandu ikollu vuċi u kontroll fuq il-proġett biex jiżgura li kemm id-disinn tal-istatwa kif wkoll il pedestall ikunu ta'kwalità.
Is-Sur Maurice Agius ppropona li għandu jkun hemm sotto kumitat għad-disinn bejn membri tal-kunsill u membri tal-għaqda u dawn jagħmlu ir-rakkomandazzjonijiet lil kunsill li fl-ahhar jiddeċidih u japprova.
Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-permessi u l-ispejjez għalihom.
Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li għalkemm sar provediment fuq is-sit li huwa fis suġġett li se jkun diskuss aktar il-quddiem , din wkoll hija art pubblika għalhekk irrid ikun il-kunsill li japplika u jġib l-approvazzjoni tal-P.A u wisq probabbli tal-lands.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li s-sinjuri Jean Claude Borg u Maurice Agius flimkien mas-Sindku ikunu r-rappreżentanti għal-kunsill fis-sotto kumitat. Għandu jkun ċċarat sew il-finanzjament tal-permessi u l-istatwa jkun biss tal- għaqda filwaqt il-proġett finanzjat mill -kunsill jkun għall-pedestall skont id-disinji approvati mill-kunsill u li għalih japplika il-kunsill lokali.

10.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba għall rati ġodda ta'ħlas għall-manutenzjoni ta' 80 Arblu għal-bnadar u dawl fejn spjegat li din ir-rata ilha għall bosta snin ta' 10 euro kull arblu u qed jintalab ftehim ġdid b'rata ta' bejn 15 u 20 euro fis-sena.

Saret diskussjoni u kien kunsidrat jekk dawn jistgħux ssiru mill-ħaddiema tal-kunsill iżda 15 euro kull arblu meta mqabbel ma' xogħol , ħin, għodda , materjal , u makkinarju li hemm bżonn jirrizulta li l-spejjez involuti jiġu għola minn 1200 euro fis sena.

Is-Sur Maurice Agius ppropona ftehim għall-ħames snin filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni u ssuġġerixxa li dan għandu jkun ta'erba' snin u sur Agius rranġa il-proposta.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai sekondat il proposta u l-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

10.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li I.M. applikaw għal-permessi neċessarji biex ssir il- fly over tal-Imsida filwaqt li l-kunsill Lokali l-Imsida wassal l-osservazzjonijiet li għamlu il-kunsilliera li attendew għall laqgħa li saret mal-Perit tal-kunsill dwar il-proġett relatat go Misraħ 5 ta'Ottubru.

10.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li se jibda xogħol fuq l-iskola.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar meta se ssir diskussjoni malli jkun jista' jintuża il-parkeġġ meta din tkun lesta.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk hemmx ċans li l-kunsill jikseb maħżen gol-iskola.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li taqbel li ssir diskussjoni biex ir-resident jkollhom faċilita ta' parkeġġ bil-ħin filgħaxija biss jew fil-weekend , festi u vakanzi anke jekk iħallsu xi haġa żgħira. Filwaqt li meta ix-xogħol ikun lest l-Scouts se jerġgħu jmorru gol-skola u jekk ikun hemm maħżen il-probalita' hija li jintuża mill-iskola.

10.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta' stima approssimattiv għall reviżjoni ta'ammonti għall valur tal propjetà u l-inventarju tal-kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-awdituri għamlu rakkomandazzjoni tagħhom fil-managment letter biex il-kunsill jirranġa il-polza tal-assigurazzjoni biex tkun tirrifletti il-valur propju. Għalhekk għamel laqgħa biex il-kumpanija tal-assikurazzjoni tispjega il-kontenut tal-polza u tagħmel ir-reviżjoni li jitlob il-kunsill skont li hemm bżonn. Hawn kompla jispjega li fil-mument qed ssir xogħol biex ikun konfermat liema huma dawk l-items li ma għadhomx jeżistu ħalli dawn jgħaddu mill-kunsill biex jitnaddaf l-inventarju.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

10.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil kunsilliera preżenti jiddeċiedu id-data għal-laqgħa pubblika li trid ssir sa'April filwaqt li talab biex kull kunsillier biex fi żmien 15 il-ġurnata iħejji rapport ta' ħidma taħt ir-responsabiltà tiegħu ħalli jkun inkluż mar-rapport annwali .

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li din ssir qabel is-seduta li jmiss.

10.5.12 B'referenza għal-minuti 7.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda tlett proposti għall Skema 2 / 2019 mir-Reġjun Ċentrali dwar għajnuna finanzjarja lill-Għaqdiet.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew kull proġett (1, 2 u 3) skont il-il-kriterji tal-iskema u n-nota li huma kolla validi għalhekk Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai kienet sekondata mis-Sur Maurice Agius u pproponiet biex dawn ġew kollha magħżula unanimament mill-Kunsill biex jibbenefikaw sa' massimu ta'€2000 bejniethom maqsuma kif ġej (1) 600 euro (2) 700 euro (3) 700 euro.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u se jgħaddi kollox lill kunsill Regjun Ċentru biex jikkunsidra u japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill lokali l-Imsida

10.5.13 Is-Sur Alfred Farrugia talab biex jiżdied għall darbtejn fil ġimgħa it-tisqija bil-bowser minħabba in-nuqqas ta'xita
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

10.5.14 Is-Sur Jean Claude Borg staqsa jekk hux possibbli ssir servizz ta'bdil ta'bins għall-insulina.

Is-Sur Maurice Agius spjega li dan jagħtuh personali u jinbidel meta jkun mimli iżda ma hemm xejn ħażin jekk jkun possibbli jiġi offrut servizz.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jiċċekkja ma WasteServ biss se jara wkoll jekk hemmx xi riskju ta'Health Hazard.

10.5.15 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar l-atti vandali ġol bandli u staqsa dwar l-up keep tal-bandli u possibilità għal- kameras fil-bandli wara li ssir il-proġett.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li barra li ta'spiss ssir manutenzjoni u tiswija fil-bandli inkluż dawk li jkunu rappurtati minn surveyer mqabbad mir-Reġjun Ċentru. Il-problema hija li dawn ma ssibx parts għalihom u ikun hemm bżonn tara x jista' ssir. Għada kif ssir manutenzjoni fuq it-turn around u ġiet żarmata is-seesaw għax ma tistax tissewwa għalhekk qed jitlob stima għall waħda ġdida. Il-problema hija li ma tistax taqbad u tirranġa kollox qabel ma jkun lest il-proġett tal-flyover u Misraħ 5 ta'Ottubru. Barra min kameras jista' jkun kunsidrati fencing ' servizzi oħra li jippermettu ħin ta' ftuħ u għeluq.

B'referenza għall proġett relatat mal flyover waqt il-laqgħa mal-perit fuq il-ġnien ,is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li l-punti diskussi se jiġu mgħoddija lil periti ta' IM għall kunsiderazzjoni tagħhom.

10.5.16 s-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar timer għad-dawl ta'ġewwa tal-kunsill għax ġieli jkun mixgħul mal-lejl
Is-Sur Emanuel Brincat qal li xi haġa tista' ssir fl-komun u l-ewwel żewġt sulari
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

10.5.17 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar disabled li ma għadhiex quddiem il-gate tal-iskola u staqsa għala ma saritx go post ieħor.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ma kienitx reġistrata ma TM u kienet saret mill-kunsill biex sservi sakemm jwasslu tfal bi bżonn sa quddiem il-gate. Issa l-iskola ma hiex miftuħa għalhekk ma għandiex dak l-iskop filwaqt li jekk hemm bżonn ssir flok parking bay ieħor din trid ssir bil-permess.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk hux possibbli ssir applikazzjoni għall waħda għax f'dawk l-inħawi ta' Triq Victor Denaro hemm min għandu blu badge.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

10.5.18 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li bħala parti mill programm ta'ħidma għall din il-leġislatura, saret laqgħa ma rappreżentant tal-għaqda Nanniet Malta fejn ġie diskuss M.O.U biex ssir hub ġol-binja tal-kunsill għall ġurnata fil-ġimgħa.
Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

10.5.19 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem fuq vetturi pparkjati fuq il-bankina ma'dawra ta'Triq L. Zamenhof li ġieli joħolqu problema għat-Trakk tal-iskart biex idur u staqsa jekk tistax ssir bollard fuq il-bankina viċin l-arblu ta'dawl ħalli ma jkomplux jabbużaw u jostakolaw it-triq.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

10.5.20 B'referenza għal-minuti 9.4.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta' risposti lill-avukat dwar ħsarat fuq tyres ta' żewġt vetturi ġo Triq Xatt ta'Xbiex .

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan il-każ qed jitlob 120 euro danni filwaqt li Triq għada xorta responsabiltà tal-kunsill minkejja il ħsara li kien fiha. Min nara l-oħra it-tieni talba turi li sid il-vettura baqa' mixi fuq tyre għall distanza twila sew go Triq il-Wied.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament 60% għall ewwel talba u f'ċirkostanzi ta' kif ġew spjegati il-fatti fit-tieni talba hemm dubju serji li dan kien il-każ għalhekk it-talba ma ġietx approvata.

**10.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

10.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda ir-rapport ta' Verifika fil-kontijiet min kuntrattur u qara il-kontenut.
Is-Sur Charles Selvaggi qal li hemm xi items fuq il-Belvedere ta' Triq Indrì Grima li mhux qed jaqbel magħhom u jixtieq jara xi affarijiet. Staqsa wkoll jekk hux se jittieħdu passi kontra il Quantity Surveyor u li dawn difetti li jista' jkunu mifruxa mal-kunsilli kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jista’ jiġi l-uffiċju u jispjega ir-rapport bid-dettalji kollha. Bhall kif għadu kif jaqra mir-rapport dan qed jikkonferma min fejn li l-kuntrattur qabad u ħareġ l-ammont tal-Invoice u x' kien ikun l-ammont kieku intużaw ir-rati kif suppost tal-kuntratt. Juri wkoll kif konferma l-stess kuntrattur meta mgħajjat li kien talab iżjed milli suppost għall għamara. Il-verifika saret fuq bosta kontijiet kif muri fil-kontenut tar-rapport fid-dettalji kollha. Filwaqt li din il-verifika saret għall interess tal-kunsill lokali l-Imsida jidher ċar bhall ma ġie osservat go Triq il-Principessa Margerita li BOQ's għandhom ikunu aktar dettaljati u maqsuma b’tali mod li jinkludu kollox .Għalhekk minn dawn l-affarijiet hemm fejn titgħallem u tevita ripetizzjoni. Dwar il-quantity surveyor dan mhux se jkun mqabbad aktar wisq inqas se jieħu ħlas mitlub.

Il-Kunsilliera preżenti ġew mgħarrfa li dan ir-rapport se jkun mgħoddi l-għada tas-seduta lid-Direttur għad-Dipartiment għall-Gvern Lokali..

10.6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il- mejda rakkomandazzjoni tac-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Swatar għall-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv Swatar mill-ewwel ta'Jannar sa' l-ahhar ta'April 2019 biex ikunu kunsidrati u approvati mill kunsilli Lokali l-Imsida u B'Kara biex ikun imħallas mid-DLG.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

**10.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;**

10.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K8-10 ta’ ħlasijiet bejn Is-16 ta'Jannar 2019 sa' 27 ta'Frar 2020 għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Nicholas Joseph Chircop u s-sekondat mis-Sur Jean Claude Borg.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**10.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

10.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-9:10 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tnejn 23 ta' April 2020 fil-5:30 p.m

Minuti konfermati, illum 23 ta' Marzu 2020

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |